MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta ta' 07 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 1438/1998/1

**P&S International Limited**

**Vs**

**Horwath (Malta) LImited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun kundannata li thallas lis-socjeta attrici s-somma ta‘ Lm131.41,0 skond invoice numri 36 u 597 datati 20 ta’ Gunju 1997 u 31 ta’ Ottubru 1997 rapprezentanti materjal ghall-istampar lis-socjeta konvenuta mibjugha u konsenjat u dan oltre l-imghax legali mill-31 ta’ Ottubru 1997.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja ta’ 12 ta‘ Marzu 1998 . Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u li biha eccepiet (a fol 4 tal-atti) illi t-talba attrici kif dedotta fl-avviz fl-ismijiet aktar il-fuq precitat, ghandha tigi michuda bl-ispejjes stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi ma huwa dovut l-ebda ammont kif hemm indikat u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-atti ta' din il-kawza s-socjeta konvenuta ma gabet ebda prova sabiex tissostanzja l-eccezzjoni sottomessa minnha f'liema eccezzjoni, fil-fatt, ma inghatat ebda spjegazzjoni ghaliex l-ammont pretiz, fl-avviz in esami, ma hux dovut mill-istess socjeta konvenuta. In rigward dan jinghad, ukoll, li l-istess socjeta konvenuta inghatat diversi differimenti sabiex jixhed John Abela fil-kwalita' tieghu ta' direttur tal-istess. Pero kif jidher a fol 12, 13, 14, 18, 19, 20, 21, 22 u 23, tal-atti dan ix-xhud ma kienx deher jew ghax indispost jew ghax msiefer minghajr ma dan, b'xi mod, gie sostanzjat.

Ikkunsidrat

Illi, da parti tas-socjeta' attrici, giet prodotta Daniela Peresso (fol 9 sa fol 11 tal-atti) bhala "general manager" tal-istess u l-istess xhud ikkonfermat, anke permezz ta' dokument markat Dok P1 illi l-ammont, specifikat fl-avviz, kien ghadu dovut bhala bilanc u dan talli s-socjeta attrici kienet issupplixxiet materjal ghal stampar lil dik konvenuta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm131.41,0 bl-imghax legali mill-21 ta' Lulju 1998 sad-data tal-pagament effettiv. Inoltre, f'dan il-kaz, ghandu jinghad li l-imsemmi John Abela, kif jidher a fol 14 u 23 tal-atti, kien talab li tigi sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza ghar-raguni hawn specifikata. Pero, xorta wahda, hu ma kienx deher avolja iz-zewg talbiet kienu gew akkolti minn din il-Qorti. Dan

l-agir da parti ta' John Abela bhala rappresentant tas-socjeta konvenuta jammonta ghal nuqqas ta' rispett lejn din il-Qorti u b'hekk l-istess John Abela ghandu jinstab hati ta' disprezz lejn din il-Qorti skond l-artikoli 997 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant u a basi tal-istess artikolu citat, il-Qorti tikkundanna lill-istess John Abela ghall-piena ta' Lm10 amenda.

E Sciriha
Deputat Registratur